# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 12 ta’ Awwissu 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**
**vs**
**Melvin Debono**

**Drogi Numru: 15/2019**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Melvin Debono ta’ 27 sena, bin Joseph u Grace nee Bezzina, imwieled Pieta fit-12 ta’ ta’ Gunju 1991, residenti gewwa 285, Flat 3 Triq iz-Zewg Mini, l-Isla, detentur ta’ karta ta’ identita b’numru 304591(M)

Akkuzat talli f’dawn il-gzejjer f’l-20 ta’Frar 2016 u fix-xhur ta’ qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma’ kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f’tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

U aktar talli f'dawn il-gzejjer f'l-20 ta'Frar 2016 u fis-sena ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma' kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni ta'l-Avukat Generali mahrug ai termini ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta biex dan il-kaz jinstema u jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni.

Rat id-degriet taghha tal-5 ta' Marzu 2020, meta wara li l-kawza kienet ilha differita ghall-provi tad-difiza mis-17 ta' Ottubru 2019 u l-imputat naqas li jressaq xi provi, iddikjarat il-provi ta'l-imputat maghluqa u ddiferita l-kawza ghas-sentenza ghat-23 ta' April 2020 bil-fakolta mghotija lill-imputat li jaghmel nota ta' sottomissjonijiet sa' l-1 ta'April 2020.

Rat li ai termini ta' l-Avviz Legali numru 65 tas-sena 2020 gie ordnat l-gheluq tal-Qrati tal-Ġustizzja u tar-reġistru, u dan b'effett mis-16 ta' Marzu 2020, u ghalhekk l-imputat ma setax jipprezenta n-nota tieghu fit-terminu prefiss u lanqas setghet tinzamm l-udjenza tat-23 ta' April 2020.

Rat id-degriet taghha tat-23 ta' April 2020 permezz ta'liema l-kawza giet differita ghas-27 ta' Lulju 2020.

Rat id-degriet taghha tat-12 ta' Gunju 2020 permezz ta' liema tat l-ahhar opportunita lill-imputat biex jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

Rat li aktar tard dak in-nhar stess l-imputat prezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

Rat li l-imputat ma deherx ghall-udjenzja tas-27 ta' Lulju 2020 u l-kawza giet differita ghall-llum.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

**Il-Provi**

Illi fid-depozzizzjoni tieghu[1] l-ufficjal prosekutur, l-Ispettur Malcom Bondin, spjega li, a bazi ta' informazzjoni kunfidenzjali, saret osservazzjoni ta'l-imputat u f'l-20 ta' Frar 2016 twaqqaf waqt li kien qed isuq vettura ta' tip Pajero b'numru ta' registrazzjoni ABV 646 fi Triq Hal-Qormi Marsa; dak il-hin l-imputat kien fil-prezenza tat-tfajla tieghu, Mary Rose Micallef. Fil-kors ta' tfixxija li saret fuq l-imputat instabu tmien pakketti b'sustanza bajda u s-somma ta' erbgha mija u ghaxar Euro (€410) kif ukoll mobile phones. Meta instabu dawn l-affarijiet l-imputat gie arrestat u saret tfixxija ukoll fid-dar tieghu. L-ufficjal prosekutur spjega li fir-residenza ta'l-imputat kien jghix ukoll certu Davison Micallef (hu t-tfajla ta'l-imputat) u fil-kamra li kien juza dan Davison Micallef instabu diversi qratas b'sustanza kannella suspettata eroina u qartas wiehed mdaqqas b'sustanza bajda, kif ukoll crushers u tlett mobile phones; ta' dawn l-oggetti jidher li ha responsabbilta Micallef. L-ufficjal prosekutur kompla jispjega li uhud mill-boroz li nstabu fil-pussess ta' l-imputat kellhom tikka hamra fuqhom[2]; l-imputat lill-pulizija qallhom li ma kienet tfisser xejn dik it-tikka. Aktar minn hekk l-imputat qal li l-pakketti li nstabu fil-pussess tieghu kienu ghall-uzu personali tieghu. L-ufficjal prosekutur esebixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat[3], is-sustanza li nstabet fil-pussess ta'l-imputat[4], tlett mobile phones[5] u s-somma ta' erbgha mija u ghaxar Euro (€410)[6].

Illi tressqu biex jixhdu t-tlett pulizija li kienu involuti f'dan il-kaz:

- PS518 Anthony De Giovanni[7] jghid li f'l-20 ta' Frar 2016 kienu waqqfu Pajero ta' kulur iswed bin-numru ABV 646 misjuqa mill-imputat; mieghu bhala passiggier kien hemm Maryrose Micallef. Fil-kors tat-tfixxija li saret,

---

[1] Depozizzjoni  fol 13 et seq.
[2] L-ufficjal prosekutur spjega li anke uhud mill-boroz li sabu fir-residenza ta'l-iputat, fil-kamra ta' Davison Micallef, kellhom l-istess tip ta' marka hamra fuqhom.
[3] Dok MB1 a fol 17.
[4] Dok MB2.
[5] Dok MB3.
[6] Dok MB4.
[7] Depozizzjoni a fol 61.

instab kontenitur tal-metall li fih kien hemm tmien pakketti zghar b'sustanza bajda.

- PS 1026 Brandon Gauci[8] ikkonferma dak li qal l-kollega tieghu PS518 pero zied li minbarra l-kontenitur tal-metall bil-pakketti go fih instab ukoll basket tad-ditta Addidas li fih kien hemm is-somma ta' erbgha mija u ghaxar Euro (€410) fi flus kontanti. In kontro-ezami x-xhud jghid li l-imputat twaqqaf f'Qormi Road Marsa u li l-kontenitur tal-metall instab fil-parti ta' quddiem tal-karozza imma ma ftakarx ezattament fejn.
- PS243 Clayton Frendo[9] specifika li l-kontenitur tal-mettal instab fin-nofs bejn is-seats u semma ukoll li nstab mobile phone. In kontro-ezami specifika li fil-vettura nstab mobile phone wiehed u ma ftkarax li gew elevati mobile phones ohra.

Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri gew nominati zewg esperti: Gilbert Mercieca u Keith Cutajar.

Illi mid-depozizzjoni[10] u mir-rapport[11] ta' Gilbert Mercieca jirrizulta li s-sustanza fit-tmien boroz elevati minghand l-imputat kienet kokajina li kellha piz totali ta' 2.468 grammi u valur ta' cirka tlett mija tnejn u sittin Euro u temin centezmu (€362.80). Jirrizulta ukoll li sitta mill-pakketti kellhom marka hamra u t-tnejn l-ohra le[12]. Jirrizulta ukoll li sitta mill-pakketti kellhom piz ta' bejn 0.3 u 0.4 grammi u tnejn kellhom piz ta' 0.195 grammi u 0.268 grammi rispettivament.

Illi mid-depozizzjoni[13] u rapport[14] ta' Keith Cutajar jirrizulta li mit-tlett mobiles (tnejn Samsung u wiehed Nokia) li huwa inghata biex jezamina f'wiehed, Samsung, ma nstabet l-ebda attivita; dan ghaliex jew ma kellux data jew gie *wiped* . Fit-tnejn l-ohra kien hemm numru ta' messaggi u telefonati fil-gurnata in ezami u anke fil-gurnata ta' qabel.

Illi kif intqal l-imputat irrilaxxja stqarrija[15]. Fdin l-istqarrija l-imputat jghid li huwa jghix fid-dar tan-nanniet tat-tfajla tieghu fejn kienu jghixu ukoll, flimkien man-nanniet, it-tfajla u huha. Jghid li huwa kien juza l-Pajero bin-numru ta' registrazzjoni ABV 646 li pero kienet ta' zijuh. Mistoqsi dwar is-sustanza li nstabet jghid li dik hija kokajina u li kienet ghall-uzu personali tieghu, biex

[8] Depozizzjoni a fol 63 et seq.
[9] Depozizzjoni a fol 65 et seq.
[10] A fol 24.
[11] Dok GM1 a fol 26 et seq.
[12] Ref ritratt a fol 29.
[13] A fol 35 et seq.
[14] Dok KC1 a fol 37 et seq.
[15] Dok MB1 a fol 17 et seq.

ipejjipha; specifika li huwa kien ilu xi erbgha snin jiehu droga pero juza biss kokajina u jiehu "*darba fil-qamar*". Jispecifika li kien hemm zmien meta kien jiehu hames grammi kull nhar ta' Sibt u Hadd pero issa jiehu biss darba kultant ghax ma kienx qed jahdem u ser ikollu baby. Zied li kien ilu xi xahar ma jiehu droga pero gietu leblieba u ghalhekk rega xtara. Huwa zied li dik il-kokjina fil-fatt kien xtraha il-gurnata ta' qabel u li issa kien qed jixtri xi zewg grammi darba fix-xahar meta qabel kien jixtri xi darba l-Gimgha u darba l-Hadd. Huwa ma jiftakarx ezatti kemm hallas ghal dawk iz-zewg grammi pero jghid li xi mija u tmenin (€180) jew mitejn Euro (€200); pero jghid li meta kien jixtri hames grammi kien jixtrihom tkett mija u hamsin Euro (€350). Spjega li kien ilahhaq ma' dawn l-ispejjez ghaliex qabel kellu impjieg u kien jaqla xi elf u mitejn Euro (€1200) fix-xahar u kien jaqla xi haga ohra billi jbiegh xi karozza. Issa li m'ghandux impjieg fiss kien idahhal xi haga billi jbiegh xi karozza u jghin lil xi dealers fil-hasil tal-karozzi. Mistoqsi ghalfjen xtara tmien pakketti jekk kien qed inaqqas mid-droga jghid li l-gurnata ta' qabel kellu problema fuq karozza u "*daqshekk iccappast*"; qal ukoll li l-flus gabhom mill-bejgh ta' karozza. Huwa ikkonferma li l-oggetti u l-flus li gew esebiti f'dawn il-proceduri gew elevati minghandu. Dwar il-mobiles jghid ukoll li wiehed minnhom (Samsung) imkisser u ma jahdimx, l-iehor juzah ma tal-familja u l-iehor "*ghall-karozzi, hbieb u hekk*".

## Punti Preliminari

Ikkunsidrat

Illi kif jirrizulta mir-riassunt tal-provi, wahda minn dawn il-provi hija l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Konformament ma' dak li kienet tipprovdi l-Ligi fiz-zmien in ezami, l-imputat inghata d-dritt, liema dritt l-imputat prevalixxa ruhu minnu, li jikkonsulta ma' avukat qabel ma rrilaxxja l-istqarrija; izda minghajr ma nghata d-dritt li jkun assistit minn avukat waqt ir-rilaxx ta'l-istqarrija.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-imputat jikkontendi li din l-istqarrija mehuda f'dawk ic-cirkostanzi mhiex ammissibli bhala prova u kwalunkwe piz probatorju mghoti lil din l-istqarrija jkun lesiv ghad-drittijiet fundamentali tieghu. In sostenn ta' din it-tezi gew kwotati tlett sentenzi.

Illi l-ewwel zewg sentenzi kwotati gew decizi fit-23 ta' Novembru 2017: Christopher Bartolo vs l-Avukat Generali[16]; u f'l-20 ta' Novembru 2018: Pulizija vs Claire Farrrugia[17].[18]

[16] Din hija is-sentenza li nghatat mill-Prima' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) liema sentenza giet appellata u finalment deciza fil-5 ta' Ottubru 2018.
[17] Deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali.
[18] Referenza ghat-tielet sentenza kwotata ser issir aktar 'l quddiem.

Illi fil-verita l-ammissibilita ta' stqarrija rilaxxjata f'cirkostanzi simili ghal dik in ezami giet dibattuta f'ghadd kbir ta' sentenzi kemm ta' Qrati domestici kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Akatr minn hekk jidher li kien hemm bdil fil-hsieb tal-Qrati domestici tul is-snin, bdil li kien jirrifletti bdil fil-hsieb tal-Qorti Ewropea. Permezz ta'l-ahhar sentenzi li nghataw fir-rigward, u allura aktar ricenti minn dawk kwotati mill-imputat, il-hsieb tal-Qrati jidher li evolva minn dak rifless f'dawk is-sentenzi kwotati. Fil-fatt f'sentenza mghotija fil-31 ta' Jannar 2020[19] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali wara li ghaddiet in rassenja l-gurisprudenza l-aktar prevalenti u tat rendikont ta' kif din evolviet, qalet hekk:

> *Illi jinghad qabel xejn illi illum gew imfassla il-kriterji mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li ghandhom jigu ezaminati f'kull kaz ghalih u dan anke fejn allura tezisti restrizzjoni generali fil-ligi dwar id-dritt tal-access ghall-avukat, bil-Qorti Ewropeja titbieghed mill-insenjament tramandat fil-kaz ta' Salduz. Illi ghalkemm illum il-ligi penali nostrana giet emendata u dan sabiex jigi fis-sehh fil-ligi domestika d-dritt komunitarju fir-rigward u sabiex ukoll ir-restrizzjoni sistematika dwar id-dritt ghall-avukat jigi regolat, madanakollu fiz-zmien meta giet rilaxxjata l-istqarrija tal-appellant kien hemm dritt, ghalkemm wiehed iktar ristrett, tal-persuna suspettata biex tikkonferixxi mal-avukat tal-fiducja taghha fil-hin precedenti l-interrogatorju mill-pulizija.* ***Dan b'differenza mis-sitwazzjoni li kienet tezisti qabel is-sena 2010 fejn hemmhekk il-persuna suspettata kienet ghal kollox imcahhda minn xi forma ta' assistenza legali****.*
>
> *Illi illum din il-Qorti fid-dawl tal-pronunzjamenti recenti moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem b'mod ewlieni dak ta' Farrugia vs Malta li mexa fuq l-insenjament tramandat fil-kaz Bueze vs Belgium u Doyle vs Ireland ma tistax a priori tiskarta stqarrija ta' persuna li tkun inghatat l-jedd tikkonsulta ma' avukat qabel ma tigi interrogata, izda fejn l-avukat taghha ma kienx prezenti filwaqt tal-interogazzjoni, u dan ghaliex allegatament jista' jkun hemm lezjoni tad-dritt taghha ghal smigh xieraq, billi kif mistqarr f'dawn il-pronunzjamenti kull kaz irid jitqies ghalih u allura jrid jigi mistharreg f'kull kaz individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkuzata ma kellhiex l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-*

[19] Fil-kawza Pulizija vs Salvu Briffa et.

*istqarrija dan setax impinga fuq is-smigh xieraq iktar 'il quddiem tul il-proceduri penali istitwiti kontra taghha.*

*Din il-Qorti ma ghandhiex funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma ghandhiex il-poter tistharreg jekk ikunx sehh lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq jew jekk potenzjalment dan jistax isehh u dan f'kaz fejn xi forma ta' assistenza legali tkun giet moghtija. Ma tistax il-Qorti ta' kompetenza penali tiddeciedi a priori illi bil-fatt wahdu illi fiz-zmien li l-persuna akkuzata tkun giet interrogata ma kellhiex il-jedd ikollha l-avukat prezenti maghha dan awtomatikament kien vjolattiv tal-jedd taghha ghal smigh xieraq meta l-Qorti Ewropeja issa qed tidderigi il-qrati domestici jindagaw jekk il-proceduri fl-intier taghhom kenux gusti fil-konfront tal-akkuzat bit-test allura li irid jigi segwiet fuq zewg binarji u cioe':*
*1. the existence of compelling reasons for the right to be witheld*
*2. the overall fairness of the proceedings.*

*Gie deciz hekk fil-kaz Bueze vs Belgium (para 120 – 130)1(Deċiża nhar id-9.11.2018 mill-Qorti Ewropeja għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, applikazzjoni no. 71409/10)*

***'In the light of the nature of the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court considers that in principle there can be no justification for a failure to notify a suspect of these rights. Where a suspect has not, however, been so notified, the Court must examine whether, notwithstanding this failure, the proceedings as a whole were fair. Immediate access to a lawyer able to provide information about procedural rights is likely to prevent unfairness arising from the absence of any official notification of these rights. However, where access to a lawyer is delayed, the need for the investigative authorities to notify the suspect of his right to a lawyer, his right to remain silent and the privilege against self-incrimination takes on particular importance (see Ibrahim and Others, cited above, § 273, and case-law cited therein).' ...***

***'the Court has indicated that account must be taken, on a case-by-case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for questioning, support for an accused in distress, and verification of the***

***conditions of detention (see Hovanesian v. Bulgaria, no. 31814/03, § 34, 21 December 2010; Simons, cited above, § 30; A.T. v. Luxembourg, cited above, § 64; Adamkiewicz, cited above, § 84; and Dvorski, cited above, §§ 78 and 108)'.***

***150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):***
***(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;***
***(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;***
***(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;***
***(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;***
***(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;***
***(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;***
***(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;***
***(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;***
***(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and***
***(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.***

*L-istess prinċiplji ġew applikati fis-sentenza li laqtet lil pajjizna,* **Farrugia vs Malta** *fejn a bażi ta' dawn il-prinċipji l-Qorti kkonkludiet illi:*

***'while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.'***

*Illi kif inghad l-appellant ikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu qabel irrilaxxja l-istqarrija u kien abbilment assistit mill-avukat tieghu tul dawn il-proceduri fejn qanqal diversi difizi li kollha ser jigu kkunsidrati minn din il-Qorti fid-decizjoni taghha. In oltre, hemm provi u xhieda oħrajn li tressqu apparti din l-istqarrija, li jixhtu dawl fuq dak li sehh u fuq l-akkuzi addebitati lill-appellant. Mhux biss izda meta din il-Qorti tieħu kont tal-provi li hemm fl-atti mhijiex tal-fehma illi l-appellant sofra jew ser isofri xi preġudizzju irrimedjabbli billi fl-istadju li rrilaxxja l-istqarrija tiegħu hu ma kellux l-avukat preżenti mieghu speċjalment tenut kont tal-fatt illi hu kien diġa kkonsulta debitament mal-istess. Konsegwentement dan l-ilment qed jigi michud.*

Illi minn din il-gurisprudenza jidher car li stqarrija mehuda fic-cirkostanzi odjerni tista jew ma tistax tinghata piz probatorju skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz li fiha giet prezentata bhala prova, mehud in konsiderazzjoni ukoll l-assjem tal-provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat

Illi fil-kaz in ezami provi tressqu diversi u l-prosekuzzjoni mhux qed tibbaza l-kaz taghha biss fuq l-istqarrija ta'l-imputat. Kieku dan il-kaz il-Qorti ma kien ikollha l-ebda ezitazzjoni li tiskarta l-istqarrija ta'l-imputat bhala inammissibbli kif fil-fatt ghamlet fil-kaz Pulizija vs Joseph Cini[20], it-tielet sentenza kwotata fis-sottomissjonijiet ta'l-imputat. Pero, u kif ntqal, a differenza mill-kaz ta' Cini, fil-kaz in ezami tressqu diversi provi li minnhom l-istqarrija ta'l-imputat hija element wiehed minn bosta.

[20] Deciz minn din il-Qorti fil-5 ta' Marzu 2020.

Illi l-imputat, li ma jistax jitqies bhala persuna vulnerabbli u (kif jidher mill-fedina penali tieghu) lanqas ma jista jitqies estranju ghal investigazzjonijiet kriminali, ikkonsulta ma' avukat qabel ma rrilaxxja l-istqarrija; aktar minn hekk nghatat twissija li ghandu dritt li ma jirrispondiex mistoqsijiet li jsirulu. Huwa fil-fatt kien kapaci jiprevalixxi ruhu minn din il-fakolta ghaliex kien hemm mistoqsija partikolari li huwa ghazel li ma jirrispondiex. Aktar minn hekk huwa innega fatti meta deherlu li hekk kellu jaghmel.

Illi fid-dawl tas-suespost u tal-gurisprudenza fuq kwotata l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taccetta l-istarrija ta'l-imputat bhala prova ohra f'l-atti processwali u li ghandha taghtiha dak il-piz probatorju skond ic-cirkostanzi fid-dawl tal-provi kollha prodotti.

**L-Imputazzjonijiet**

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-imputat qed jigi addebietat b'zewg reati: pussess aggravat u pussess semplici ta' droga eroina.

Illi l-Qrati taghna pronunzjaw ruhhom diversi drabi dwar il-pussess aggravat u l-prova necessarja biex jinghad li jissussisti dan ir-reat. Fis-sentenza mghotija fil-kawza f'l-ismijiet Il-Pulizija vs Noel Borg[21] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali wara li ghamlet referenza ghas-sentenza mghotija minn dik l-istess Qorti fil-kawza Pulizija vs Marius Magri[22], qalet hekk:

> *.... dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta' biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwisjtoni ma kienx ghall-uzu esklussiv jigifieri ghall-uzu biss tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App Krim. "Il-Pulizija vs Carmel Degiorgio" [26.8.1998]. Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali: "il-Pulizija vs Carmelo Spiteri" [2.9.1999].)*

[21] Deciza fit-12 ta' Frar 2009.
[22] Deciza fit-12 ta' Mejju 2005.

*Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmlu il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha l-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anke jekk mhux neccessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim. "Il-Pulizijia vs Brian Caruana" [23.5.2002]).*

Illi dawn is-sentenzi gew citati b'approvazzjoni mill-istess Qorti ta'l-Appell Kriminali f'sentenza ferm aktar ricenti u cioe Pulizija vs Dorothy Refalo[23], fejn il-Qorti ghamlet referenza ukoll ghal gurisprudenza ohra dwar l-element intenzjonali rikjest biex jissussisti r-reat issa in ezami. B'mod partikolari irreferiet ghas-sentenza mghotija fil-kawza f'l-simijiet Pulizija vs Jason Mallia[24] fejn intqal hekk:

*Qabel xejn għandu jiġi preċiżat li* **mhux korrett** *li wieħed jgħid li biex tikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplat fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 irid ikun hemm provi li juru li l-possessur kellu l-animus li jispaċċa d-droga. Jekk tiġi ippruvata miċ-ċirkostanzi, tali intenzjoni allura ċertament dak il-pussess ma jkunx għall-użu esklussiv tal-possessur. Iżda tali intenzjoni mhix meħtieġa għall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li liġi tirrikjedi hu li jiġu ppruvati ċirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinċent morali 'li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati.' Fi kliem ieħor. Jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix beħsiebha tuża, tali pussess ikun jammonta għal pussess mhux għall-użu esklussiv tal-pussessur, ukoll jekk il-pussessur ikun għadu ma ddeċidiex kif biħsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga.*

Illi aktar minn hekk f'sentenza mghotija fil-kawza f'l-ismijiet Il-Pulizija vs Jeffrey Sammut[25] l-istess Qorti ta'l-Appell Kriminali irribadiet il-principju li, anke fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet l-oneru tal-prova l-prosekuzzjoni tista' tilhqu bi provi diretti jew bi provi indizjarji.

[23] Deciza fis-26 ta' April 2019.
[24] Mghotija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fit-2 ta' Settembru 1999.
[25] Deciza 29 ta' Settembru 2005.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi processwali jirrizulta li meta l-imputat twaqqaf mill-pulizija huwa kien qed isuq vettura u bejn is-seats kien hemm kontenitur tal-metal li fih kien hemm tmien qratas li kienu jikkontjenu sustanza bajada. Dan il-fatt jirrizulta ampjament mid-depozizzjoni tat-tlett surgenti li kienu involuti fit-twaqqif ta'l-imputat u t-tfixxija li saret fuq il-persuna tieghu u fil-karozza; depozizzjoni li l-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubitaha.

Illi ghalkemm il-prosekuzzjoni ma gabitx prova dwar ta' min hi l-karozza li fiha instab l-imputat, dan jammetti f'l-istqarrija li ghalkemm il-karozza kienet ta' zijuh, kien juzaha hu (cioe l-imputat).

Mir-rapport ta'l-espert Gilbert Mercieca mbaghad jirrizulta li dik is-sustanza kienet kokajina. Mill-istess rapport jirrizulta li sitta minn dawn il-pakketti kellhom tokka hamra fuqhom, jekk kif jirrizulta li sitt pakketti kien fihom bejn wiehed u iehor l-istess piz u cioe bejn 0.3 u 0.4 grammi fil-waqt li t-tnejn l-ohra kien fihom 0.195 grammi u 0.268 grammi rispettivament.

Illi fil-pussess ta'l-imputat instabu tlett mobile phones; dawn gew spezzjonati mill-espert nominat Keith Cutajar. Il-mobiles kollha kienu jahdmu ghalkemm f'wiehed minnhom ma giet notata l-ebda attivita. Fit-tnejn l-ohra giet registrata attivita ta' jumejn: id-19 u l-20 ta' Frar 2016, cioe l-gurnata li gie arrestat u l-gurnata immedjatament qabel. F'wiehed mill-mobiles hemm ftit messaggi skambjati u jindikaw li huma messaggi skambjati mat-tfajla. F'l-iehor hemm numru ta' messaggi skambjati ma diversi persuni ghalkemm il-maggoranza taghhom ma'l-istess persuna. Dawn il-messaggi kwazi kollha jirreferu ghal xi inkontru. Haga li tispikka hija ukoll il-hin ta' uhud mill-messaggi li ntbaghtu kwazi fit-tlieta u fil-hamsa ta' fil-ghodu. Jispikkaw ukoll numru ta' messaggi[26] li jghidu "*delivered*"; dawn il-messaggi "*delivered*" kollha jsegwu messagg jew messaggi qosra mill-istess numru bhal "*wasalt*"jew "*fadallek*".

Illi l-kontenut tal-messaggi f'dawn iz-zewg mobiles jindika li wiehed jintuza mal-membri tal-familja jew nies qrib ta'l-imputat (dak li kien fih ftit messaggi), fil-waqt li l-iehor jintuza ghal affarijiet ohra. Dan huwa rifless anke f'dak li jghid l-imputat f'l-istqarrija li wiehed mill-mobiles juzah mal-familja u l-iehor ghax-xoghol tal-bejgh tal-karozzi ghalkemm l-messaggi u l-hin li fih intbaghtu difficilment jistghu jigu rikonciljati ma' xi negozju tal-bejgh tal-karozzi.

---

[26] F'l-inbox

Illi fid-dawl tas-suespost l-Qorti hija konvinta mhux biss li d-droga misjuba fil-kontenitur kienet ta'l-imputat, fatt li huwa del resto ammess minnu, imma hija konvinta ukoll li dik id-droga ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu u dan tghidu minhabba l-piz li kellhom il-pakketti, it-tikka hamra fuq uhud mill-pakketti, il-fatt li kellu tlett mobiles, il-messaggi li kienu qed jigu skambjati f'wiehed mill-mobiles, u l-ammont ta' flus li nstabu fuq l-imputat.

Illi ghalhekk iz-zewg imputazzjonijiet huma sodisfacjentement pruvati.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu; hadet in konsiderazzjoni ukoll l-kwantita u x-xorta tad-droga li ntabet fil-pussess ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, issib l-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah **sena prigunerija u multa ta' elf Euro (€1,000)**.

In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tikkundanna ukoll lill-imputat biex **ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti is-somma ta' elf u sebgha u tlettin elf Euro u disgha centezmi (€1037.09)** rapprezentanti ispejjez rinkorsi mal-hatra ta'l-esperti.

In konkluzzjoni l-Qorti, fil-waqt li tordna **l-konfiska tal-mobile phones esebiti Dok MB3 u tas-sommma ta' erbgha mija u ghaxar Euro (€410) esebita bhala Dok MB4 u** , qed **tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita Dok MB2** u dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT €**